MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 313/2011

**Kaptan Anton Kurashvili (Passaport Georgian Nru 09AK67665) u Danelia Irakli (Passaport Georgian Nru CY 111033) f'isimhom proprio kif ukoll bhala mandatarji specjali ta' Javakhadze Ivane; Huseinov Ilham (Passaport Azerbaijani Nru P2370297); Muzika Valentin (Passaport Ukren Nru EC 914845); Kajaia Akaki (Passaport Georgian Nru 09AK67044); Kurashvili Giorgi (Passaport Georgian Nru 07AD50029); Guralia Irod (Passaport Georgian Nru 09AK91234); Slabospyrski Artem (Passaport Ukren Nru EA146636); Lobanovsky Oleksandr (Passaport Ukren Nru AK356127)**

**vs**

**L-Avukat Dr. Cedric Mifsud u l-PL Gerald Bonello b'digriet tat-28 ta' April 2011 mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-bastiment "M/V Vasilios N" liema bastiment huwa registrat f'Batuni, il-Georgia, igib in-numru tal-Organizzazzjoni Marittima**

**Internazzjonali 7419353 bil-call sign 4LHP2 tat-tunellagg gross ta’ 2877**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat it-28 ta’ Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti kkonfermaw illi huma bahrin fuq il-batiment intimat, liema bastiment fil-prezent jinsab fl-ibhra Maltin, u dan kif jirrizulta minn diversi kuntratti ta’ impjiegi hawn annessi u mmarkati “Dok. A” sa “Dok. I”;

Illi l-istanti ilhom ma jithallsu pagi ghal diversi xhur tant li sal-20 ta’ Marzu 2011, l-esponenti huma intitolati pagi fl-ammont ta’ mitejn u tnejn u disghin elf, mitejn u sittin dollar Amerikan ($292, 260) kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat “Dok. J”, “Dok. K” u “Dok. L”, liema somma hi ekwivalenti ghal mitejn u sitt elef, tmien mija u sitta u tletin euro, tnejn u hamsin centezmu (€206,836.52) bir-rata ta’ riferenza ta’ 1.4130 pubblikata mill-Bank Centrali Ewropew nhar it-18 ta’ Marzu 2011 u dan skont prospett anness u mmarkat “Dok. M”;

Illi jigi dikjarat li l-esponenti Kaptan Anton Kurashvili u Danelia Irakli gew awtorizzati sabiex jipprocedu anke bhala mandatarji specjali ta’ Javakhadze Ivane permezz ta’ prokura hawn annessa u mmarkata “Dok. N”;

Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta’ fatt u li sa fejn jafu l-esponenti, il-bastiment konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni x’jaghti f’dina l-kawza;

Illi ghalhekk l-esponenti talbu l-ispedizzjoni tal-opportun Mandat ta’ Arrest ta’ Bcejjec tal-Bahar ‘il fuq minn ghaxar metri (Kawtelatorju) kontra l-bastiment intimat u dan sabiex jitqieghed fi zgur id-dejn imsemmi hawn fuq, li bis-safar tal-bicca tal-bahar fuq riferita, il-kreditu ta’ l-esponenti jista’ jigi eluz, filwaqt li jgibu l-pretensjoni tal-esponenti taht il-gurisdizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti;

Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' mitejn u tnejn u disghin elf, mitejn u sittin dollar Amerikan ($292,260) ekwivalenti ghal mitejn u sitt elef, tmien mija u sitta u tletin euro, tnejn u hamsin centezmu (€206,836.52), rapprezentanti pagi dovuti lir-rikorrenti bahhara sal-20 ta' Marzu 2011, u dan skont prospett suriferit;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:

1. Tisma' din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur l-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' mitejn u tnejn u disghin elf, mitejn u sittin dollar Amerikan ($292,260) ekwivalenti ghal mitejn u sitt elef, tmien mija u sitta u tletin euro, tnejn u hamsin centezmu (€206,836.52);

3. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar 'il fuq minn ghaxar metri (Kawtelatorju) ipprezentat kontestwalment, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni u b'rizerva ghal jedd ta' azzjoni spettanti lill-istanti skont il-ligi komprizi dawk ghal pagi ohra li talvolta jiddekorru u ghall-ispejjez tar-rimpatriju fit-termini tal-ligi u tal-kuntratti ta' impjieg;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati, datata s-27 ta' Mejju, 2011;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza intavolata ai termini tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12;

Illi l-Kaptan fuq indikat ikkonferma li hu u l-ekwipagg tieghu ilkoll ko-rikorrenti, ilhom ma jithallsu l-pagi lilhom dovuti ghal madwar hdax –il xahar;

Illi l-ammont komplessiv dovut lilhom f'pagi jammonta ghal mitejn u tnejn u disghin elf, mitejn, u sittin dollaru Amerikan, ($292,260.00);

Illi ghalhekk dan hu dejn cert, likwidu u dovut lir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tax-xhieda mismugha u tad-dokumenti esebiti t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat promotur jidhru gustifikati u li hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12;

Tiddeciedi billi in vista tal-premess tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' mitejn u tnejn u disghin elf, mitejn u sittin dollaru Amerikan, ($292,260.00), ekwivalenti ghal mitejn u sitt elef, tmien mija u sitta u tletin Ewro, tnejn u hamsin centezmu, (€206,836.52), lir-rikorrenti fuq indikati;

2. Bl-ispejjez, kif indikati fl-istess rikors promotur, kontra l-istess konvenuti.

_______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------